KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fit-22 ta’ Mejju 2019[1]

Kawża C-236/18

GRDF SA
vs
Eni Gas & Power France SA,
Direct énergie,
Commission de régulation de l’énergie,
Procureur général près la cour d’appel de Paris

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

“Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali — Obbligi tal-operaturi tas-sistema ta’ distribuzzjoni —Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73 — Effett *ratione temporis* tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim — Prinċipji ta’ effettività u ta’ ekwivalenza — Ċertezza legali u aspettattivi leġittimi”

1. Din id-deċiżjoni tar-rinviju mill-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) (iktar ’il quddiem il-“qorti tar-rinviju”) tirrigwarda s-setgħat tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim taħt l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE[2]. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar minn meta jista’ jibda japplika rimedju propost minn awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim, għar-riżoluzzjoni ta’ tilwima li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73. Deċiżjoni ta’ awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim li tirriżolvi tilwima tista’ tapplika għall-perijodu kuntrattwali kollu relatat ma’ din it-tilwima, jew dan il-perijodu għandu jitnaqqas?

2. Din id-domanda tqum f’kuntest li fih kuntratt konkluż bejn operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, GRDF, u fornitur, Direct énergie, kien inkonsistenti mad-Direttiva 2009/73 għal perijodu ta’ żmien twil. Din l-inkonsistenza kienet tirriżulta mill-fatt li l-kuntratt kien jippermetti li l-fornitur, Direct énergie, ibati l-ispiża tad-debitu mhux imħallas mill-klijenti finali, meta din kellha tiġi sostnuta mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, GRDF. Għalhekk, ir-risposta għal din id-domanda hija meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-konsegwenzi finanzjarji għal GRDF, fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha ma’ Direct énergi, li jirriżultaw minn din l-illegalità. Dan kollu jseħħ fil-kuntest speċifiku tal-hekk imsejħa “kuntratti individwali” kemm għall-provvista kif ukoll għad-distribuzzjoni ta’ gass naturali konklużi fi Franza ma’ konsumaturi u klijentela professjonali li joperaw fuq skala żgħira.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 ĠU 2009, L 211, p. 94.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Il-premessi 3, 6, 25, 30, 33 u 48 tad-Direttiva 2009/73 jiddikjaraw:

"(3) Il-libertajiet li t-Trattat jiggarantixxu liċ-ċittadini tal-Unjoni — inter alia, il-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi – ikunu ottenibbli biss i f'suq miftuħ għal kollox, li jippermetti lill-konsumaturi kollha liberament li jagħżlu lill-provdituri tagħhom u l-provdituri tagħhom liberament jikkonsenjaw lill-klijenti tagħhom.

[…]

(6) Mingħajr is-separazzjoni effettiva tan-networks minn attivitajiet ta' produzzjoni u fornitura (separazzjoni effettiva), hemm riskju ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-network iżda wkoll fl-inċentivi għal impriżi integrati vertikalment li jinvestu b'mod adegwat fin-networks tagħhom.

[…]

(25) L-aċċess non-diskriminatorju għan-network ta' distribuzzjoni jiddetermina l-aċċess downstream għall-klijenti fil-livell tal-bejgħ bl-imnut […]

[…]

(30) Ir-regolaturi tal-enerġija jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet regolatorji relevanti kollha sabiex is-suq intern tal-gass naturali jiffunzjona tajjeb, u jridu jkunu indipendenti għal kollox minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat ieħor. Dan ma tipprekludix la r-reviżjoni ġudizzjarja u lanqas is-superviżjoni parlamentari taħt il-liġi kostituzzjonali tal-Istati Membri […]

[…]

(33) Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom ikollhom is-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet obbligatorji fir-rigward tal-impriżi tal-gas naturali u li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-gas naturali li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali fuq dawk l-impriżi. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, irrispettivament mill-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, dwar miżuri adatti li jiżguraw benefiċċji għall-konsumaturi permezz tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali. L-istabbiliment ta' programm ta' rilaxx tal-gass hija waħda mill-miżuri possibbli li tista' tiġi wżata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-suq. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat li jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' standards għoljin ta' servizz universali u pubbliku konformement mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u li l-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur ikunu kompletament effettivi. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni inkluż l-eżami ta' mergers b'dimensjoni Komunitarja, kif ukoll għar-regoli dwar is-suq intern bħall-moviment liberu tal-kapital. Il-korp indipendenti li lilu għandha d-dritt tappella parti li tintlaqat minn deċiżjoni ta' regolatur nazzjonali, jista' jkun qorti jew tribunal ieħor li jkollhom is-setgħa jwettqu reviżjoni ġudizzjarja.

[…]

(48) L-interessi tal-konsumatur għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' din id-Direttiva u l-kwalità tas-servizz għandha tkun responsabilità ċentrali tal-impriżi tal-gass naturali. Id-drittijiet eżistenti tal-konsumaturi jeħtieġ li jiġu msaħħa u jiġu garantiti, u għandhom jinkludu trasparenza akbar. Il-ħarsien tal-konsumatur għandu jiżgura li l-klijenti kollha fil-kuntest tal-Komunità aktar wiesa' jibbenefikaw minn suq kompetittiv. Id-drittijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu infurzati mill-Istati Membri, jew fejn Stat Membru hekk jistipula, mill-awtoritajiet regolatorji."

4. L-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73 huwa intitolat "L-aċċess għal partijiet terzi". L-Artikolu 32(1) jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tas-sistema ta' aċċess għal parti terza għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, u faċilitajiet tal-LNG abbażi ta' tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti eliġibbli kollha, inklużi l-impriżi ta' forniment u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu sottostanti l-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ konformement mal-Artikolu 41 minn awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 39(1) u li dawk it-tariffi — u l-metodoloġiji, fejn il-metodoloġiji biss ikunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom."

5. L-Artikolu 40 tad-Direttiva 2009/73 huwa intitolat "Objettivi ġenerali tal-awtoritajiet regolatorji". Huwa jipprovdi:

"Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jinkisbu l-objettivi li ġejjin fil-qafas tal-kompiti u s-setgħat tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 41, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra, inklużi l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, fejn ikun il-każ, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom:

(a) il-promozzjoni, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzij, l-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, ta' suq intern tal-gass naturali li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità, u ftuħ effettiv tas-suq għall-konsumaturi u l-fornituri kollha tal-Komunità, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa biex in-netwerks tal-gass joperaw b'mod effettiv u ta' min joqgħod fuqhom, filwaqt li jitqiesu l-objettivi għall-futur imbiegħed;

[…]

(e) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għan-netwerk għall-kapaċità ta' produzzjoni ġdida, b'mod partikolari t-tneħħija ta' ostakoli li jistgħu jipprevjenu l-aċċess għal parteċipanti ġodda fis-suq u tal-gass minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;

6. L-Artikolu 41 huwa intitolat "Dmirijiet u setgħat tal-awtorità regolatorja". Huwa jipprovdi li:

"1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom id-dmirijiet li ġejjin:

(a) li jiffissaw jew japprovaw, b'konformità ma' kriterji trasparenti, tariffi ta' trasmissjoni regolata jew ta' distribuzzjoni jew il-metodoloġiji tagħhom;

(b) li jiżguraw il-konformità tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u distribuzzjoni, u, meta dan ikun relevanti, il-proprjetarji tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe impriża tal-gass naturali, mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva u taħt leġiżlazzjoni relevanti oħra tal-Komunità, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet transkonfinali;

[…]

(f) jiżguraw li ma jkunx hemm sussidji inkroċati bejn it-trasmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin, l-LNG u l-attivitajiet tal-forniment;

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 6 b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom għall-anqas dawn is-setgħat:

(a) li jimponu deċiżjonijiet obbligatorji fuq l-impriżi tal-gass naturali;

[…]

(d) li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq impriżi tal-gass naturali li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva jew kwalunkwe deċiżjoni relevanti legalment obbligatorja tal-awtoritajiet regolatorji jew tal-Aġenzija, jew li jipproponu lil qorti kompetenti li timponi dawn is-sanzjonijiet. Dan għandu jinkludi s-setgħa li jimponu, jew li jipproponu l-impożizzjoni ta' penali sa 10 % tal-fatturat annwali tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni fuq l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew sa 10 % tat-turnover annwali tal-impriża integrata vertikalment fuq l-impriża integrata vertikalment, fejn ikun il-każ, għal non-konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom taħt din id-Direttiva; […]

[…]

10. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom l-awtorità li jesiġu li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, tal-ħżin, tal-LNG, jekk hekk ikun meħtieġ, jimmodifikaw it-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi t-tariffi u l-metodoloġiji msemmija f'dan l-Artikolu, biex jiżguraw li jkunu proporzjonati u applikati b'mod mhux diskriminatorju […]

11. Kwalunkwe parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, ħżin, LNG jew distribuzzjoni fir-rigward tal-obbligi tal-operatur taħt din id-Direttiva imsemmija tista' tirriferi l-ilment lill-awtoritajiet regolatorji li, waqt li jaġixxu bħala l-awtoritajiet għar-riżoluzzjoni tad-disputi, għandhom jagħtu deċiżjoni fi żmien xahrejn wara li jkunu rċevew l-ilment. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fejn tintalab aktar informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż bil-ftehim tal-persuna li tkun għamlet l-ilment. Id-deċiżjoni tal-awtorita' regolatorja għandha jkollha effett obbligatorju kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

[…]"

7. L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 [3] jipprovdi kif ġej:

"It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati sabiex dawn jiġu kalkolati, applikati minn operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u approvati mill-awtoritajiet regolatorji fl-Artikolu 41(6) tad-Direttiva 2009/73/KE kif ukoll it-tariffi ppubblikati fl-Artikolu 32(1) ta' dik id-Direttiva, għandhom ikunu trasparenti, jieħdu kont tal-ħtieġa tal-integrità tas-sistema u t-titjib tagħha u jirriflettu l-ispejjeż effettivament magħmulin, sa fejn dawn l-ispejjeż jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli tan-netwerk u jkunu trasparenti filwaqt li jinkludu qligħ xieraq fuq l-investimenti, u fejn ikun il-każ b'kont meħud tal-benchmarking ta' tariffi mill-awtoritajiet regolatorji. It-tariffi, jew il-metodi li jintużaw biex jikkalkulawhom, għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju.

3 ĠU 2009, L 211, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2009, L 309, p. 87 u fil-ĠU 2009, L 229, p. 29

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-tariffi jistgħu jiġu ddeterminati wkoll permezz ta' arranġamenti bbażati fuq is-suq, bħal irkantijiet, sakemm tali arranġamenti u d-dħul li jirriżulta minnhom ikunu approvati mill-awtorità regolatorja.

It-tariffi, jew il-metodi użati biex jikkalkulawhom, għandhom jiffaċilitaw il-kummerċ effiċjenti tal-gass u l-kompetizzjoni, u fl-istess ħin jevitaw sussidji bejn l-utenti tan-netwerk u jipprovdu inċentivi għall-investiment u jżommu jew joħolqu interoperabilità għan-netwerks ta' trażmissjoni.

It-tariffi għall-utenti tan-network m'għandhomx ikunu diskriminatorju u għandhom jiġu stabbiliti separatament għal kull punt ta' dħul fi jew punt tal-ħruġ mis-sistema ta' trażmissjoni. Il-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kost u l-metodoliġija għall-istabbiliment tar-rata rigward il-punti tad-dħul u l-punti tal-ħruġ għandhom ikunu approvati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Sat-3 ta' Settembru 2011 l-Istati Membri għandhom jiżguraw li wara perijodu transitorju, jiġifieri, il-ħlasijiet tan-network m'għandhomx ikunu kkalkulati abbażi ta' linji kuntrattwali."

B. Id-dritt tal-Istat Membru

8. Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu L 134-20 tal-code de l'énergie (il-Kodiċi tal-Enerġija) fil-verżjoni applikabbli għall-perijodu rilevanti jipprovdi:

"Id-deċiżjoni tal-kumitat, li jista' jkollha magħha sanzjonijiet, għandha tkun motivata u għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi u finanzjarji tar-riżoluzzjoni tat-tilwima li fihom l-aċċess għan-networks, għax-xogħlijiet, u għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu L 134-19 jew l-użu tagħhom huwa, jekk ikun meħtieġ, żgurat. Meta dan ikun meħtieġ għar-riżoluzzjoni tat-tilwima, il-kumitat jista' jistabbilixxi, b'mod oġġettiv, trasparenti, nondiskriminatorju u proporzjonat, il-modalitajiet tal-aċċess għall-imsemmija networks, xogħlijiet u installazzjonijiet jew il-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom [4].

II. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9. Il-predeċessuri ta' Direct énergie, it-tieni konvenuta fil-kawża prinċipali, ikkonkludew żewġ kuntratti għat-trażmissjoni ta' gass permezz tas-sistema Franċiża ta' distribuzzjoni ta' gass naturali, rispettivament, fil-21 ta' Ġunju 2005 u fil-21 ta' Novembru 2008. Dawn il-kuntratti ġew konklużi mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni GRDF, li hija r-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

10. Fit-22 ta' Lulju 2013, Direct énergie talbet deċiżjoni mingħand il-Kumitat għar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim u għas-Sanzjonijiet (iktar 'il quddiem il-"Cordis"), l-awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73, tal-Kummissjoni li Tirregola l-Enerġija (iktar 'il quddiem il-"CRE"), l-awtorità tal-infurzar fi Franza skont l-Artikoli 40 u 41 tad-Direttiva 2009/73. Id-deċiżjoni mitluba minn Direct énergie kienet tirrigwarda l-piżijiet finanzjarji sostnuti minnha, sa mid-dħul fis-seħħ taż-żewġ kuntratti msemmija iktar 'il fuq, li kien imisshom ġew sostnuti minn GRDF (ara l-punti 1 u 2 iktar 'il fuq). Eni Gas & Power France, l-ewwel konvenuta, kienet ukoll involuta f'dawn il-proċeduri.

4 Ir-raba' linja tal-Liġi Nru 2017-55 tal-20 ta' Jannar 2017, miżjuda mal-Artikolu L 134-20 tal-Kodiċi tal-Enerġija. Skont din id-dispożizzjoni, il-Cordis jista', meta adit abbażi ta' talba mressqa mill-parti, jiddeċiedi li l-effetti tad-deċiżjoni għandhom japplikaw minn data qabel ma kien adit, mingħajr madankollu ma din id-data tkun qabel id-data li fiha t-tilwima nqalgħet b'mod formali minn waħda mill-partijiet għall-ewwel darba, u fi kwalunkwe każ mingħajr ma din id-data tkun iktar minn sentejn qabel kien adit. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma hijiex *ratione temporis* rilevanti għall-kawża prinċipali. Sabiex ma tkunx ipotetika, deċiżjoni tar-rinviju għandha tirrigwarda "ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima". Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11. Fid-19 ta' Settembru 2014 il-Cordis adotta deċiżjoni. Skont id-digriet tar-rinviju, abbażi ta' din id-deċiżjoni, GRDF kellha tipprovdi lil Direct énergie b'kuntratt ġdid għat-trażmissjoni ta' gass permezz tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' gass naturali fi żmien sitt xhur li jibda jiddekorri minn notifika tad-deċiżjoni, liema kuntratt għandu jkun konformi mal-prinċipju li l-fornitur, Direct énergie, ma jistax ikun responsabbli għan-nuqqas ta' ħlas ta' somom dovuti lil GRDF mill-klijent finali. Dan il-kuntratt il-ġdid kellu jkopri l-perijodu kuntrattwali kollu.

12. Din id-deċiżjoni ġiet appellata minn Direct énergie u minn ENI Gas & Power France quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza). Din il-qorti kkonfermat din id-deċiżjoni fit-2 ta' Ġunju 2016, u żiedet, *inter alia*, li;

– GRDF kellha tipproponi emendi permezz ta' *addenda* għall-kuntratti għall-aċċess għas-sistema ta' gass bejn GRDF u Direct énergie. Dawn l-*addenda* kellhom jipprevedu li l-klawżoli li jissuġġettaw l-aċċess għal dawn il-kuntratti għall-kundizzjoni li l-fornitur, Direct énergie, jaqbel li jaġixxi bħala aġent ta' GRDF u li jimponulu jipprovdi servizzi li kienet responsabbli għalihom GRDF, f'ċirkustanzi li fihom GRDF ma setgħatx tinnegozja l-prezz jew il-kundizzjonijiet relatati mal-provvista ta' dawn is-servizzi, kellhom jitqiesu bħala li qatt ma kienu ġew inklużi fil-kuntratt.

– Remunerazzjoni ġusta u ekwa kellha titħallas lil Direct énergie, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż evitati minn GRDF b'rabta mas-servizzi pprovduti lill-klijenti minn Direct énergie f'isem GRDF.

13. GRDF appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, filwaqt li oġġezzjonat għal dak li hija kienet tqis bħala ordni li tawtorizza lill-Cordis jadotta deċiżjonijiet retroattivi li jirriżultaw f'emenda retroattiva tal-klawżoli kuntrattwali. Direct énergie tikkontesta dan, prinċipalment abbażi tal-imperattiv tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju tinnota li l-prinċipju ta' ċertezza legali huwa stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening *et*[5], li l-qorti tar-rinviju ssostni jista' jipprevali fuq l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

14. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-Direttiva 2009/73[...], u b'mod partikolari l-Artikolu 41(11) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jeħtieġu li awtorità regolatorja, li tirriżolvi tilwima, ikollha s-setgħa li tagħti deċiżjoni li tapplika għall-perijodu kollu kopert mit-tilwima li biha tkun adita, irrispettivament mid-data ta' meta din tkun inqalgħet bejn il-partijiet, b'mod partikolari billi tiddeduċi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ta' kuntratt mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva permezz ta' deċiżjoni li l-effetti tagħha jkopru l-perijodu kuntrattwali kollu?"

15. GRDF, Direct énergie, Eni Gas & Power France, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ilkoll kemm huma pparteċipaw għas-seduta li nżammet fis-6 ta' Marzu 2019.

5 C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165.

III. Sunt tal-osservazzjonijiet bil-miktub

16. GRDF targumenta li s-silenzju tal-leġiżlatur Ewropew jindika x-xewqa li korpi bħall-Cordis ma jkunux awtorizzati jadottaw deċiżjonijiet retroattivi[6]. GRDF targumenta wkoll li l-effett *ratione temporis* ta' deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet bħall-Cordis huwa kwistjoni ta' awtonomija proċedurali nazzjonali[7].

17. Fl-assenza ta' regola tad-dritt tal-Istat Membru applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali[8], kwalunkwe retroattivà tad-deċiżjonijiet tal-Cordis għandha tiġi eżaminata b'riferiment għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, ta' nuqqas ta' retroattività, ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi. L-ebda wieħed minn dawn il-prinċipji ma jipprovdi bażi għar-retroattività tad-deċiżjonijiet tal-Cordis, u l-GRDF targumenta li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Cordis huma ta' natura amministrattiva u mhux ġudizzjarja.

18. GRDF targumenta li l-effett *ratione temporis* tad-deċiżjonijiet tal-Cordis li hija qegħda ssostni jikkonforma mal-prinċipju ta' ekwivalenza. GRDF issostni wkoll li l-prinċipju ta' effettività għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2009/73, li jenfasizza r-riżoluzzjoni immedjata. L-assenza ta' effett retroattiv tad-deċiżjonijiet tal-Cordis ma timminax dan ir-rekwiżit[9].

19. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, GRDF targumenta, *inter alia*, li l-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattivà tad-deċiżjonijiet amministrattivi japplika meta l-awtoritajiet ta' Stat Membru jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[10]. Il-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi jeħtieġ li regoli jkunu ċari u preċiżi[11] u li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli, u rimedji retroattivi huma inkonsistenti ma' dawn ir-rekwiżiti jew mal-protezzjoni tal-konsumaturi.

20. GRDF targumenta li l-għoti ta' effett retroattiv lid-deċiżjonijiet tal-Cordis jimmina l-istabbilità ġuridika tas-settur tal-gass naturali u jwassal għal konsegwenzi finanzjarji, b'mod li GRDF ikollha tgħolli l-ispejjeż tas-servizzi tagħha, li jkollhom jiġu rkuprati fil-prezz finali tal-gass naturali mħallas mill-konsumatur.

21. ENI Gas & Power France targumenta li r-rwol tal-Cordis ma jistax ikun fundamentalment differenti minn dak ta' qorti, peress li r-rwol tiegħu huwa li jipprovdi protezzjoni li tkun iktar effiċjenti u ta' malajr minn dik ipprovduta minn qorti u mhux bil-maqlub. Il-prinċipju ta' effettività għandu l-kwalità ta' dispożizzjoni essenzjali tad-dritt tal-Unjoni[12], b'mod li l-proċeduri interni ta' Stat Membru għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-Cordis ikollhom effett legali sħiħ. Hija ssostni wkoll li ma jirriżulta l-ebda ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza, waqt li l-prinċipju ta' ċertezza legali huwa intrinsikament flessibbli, u ma jagħtix garanzija inkundizzjonata li sitwazzjoni ġuridika partikolari ma hijiex ser tinbidel. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim ikollha s-setgħa tadotta deċiżjoni li tkopri l-perijodu kollu tal-illegalità

6 GRDF tirreferi, *inter alia*, għas-sentenzi tas-7 ta' Frar 2002, Krauer (C-28/00, EU:C:2002:82); tat-18 ta' April 2002, Duchon (C-290/00, EU:C:2002:234); tas-17 ta' Lulju 2014, Panasonic Italia *et* (C-472/12, EU:C:2014:2082); u tal-15 ta' Lulju 2014, Gerekens u Procola (C-459/02, EU:C:2004:454).

7 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, EU:C:2007:163).

8 Ir-raba' linja tal-Liġi Nru 2017-55 tal-20 ta' Jannar 2017 ma kinitx fis-seħħ fiż-żmien rilevanti. Nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq.

9 F'dan ir-rigward, GRDF tistabbilixxi distinzjoni bejn din il-kawża u dik li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980).

10 GRDF tirreferi għas-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Gerekens u Procola (C-459/02, EU:C:2004:454, punt 24), u tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening *et* (C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165, punt 60).

11 GRDF tirreferi, *inter alia*, għas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 1975, Deuka (5/75, EU:C:1975:88).

12 Eni Gas & Power France tirreferi, *inter alia*, għall-Opinjoni 1/91(L-Ewwel Opinjoni dwar il-Ftehim ŻEE) tal-14 ta' Diċembru 1991 (EU:C:1991:490) u għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, EU:C:2007:163).

22. Direct énergie taqbel li kieku d-deċiżjonijiet tal-Cordis ma kellhomx effett mid-data tal-impenji kuntrattwali illegali, il-litiganti jippreferu b'mod sistematiku jduru lejn il-qrati, fejn dan ir-rimedju jkun disponibbli, fatt li jwassal għal asimetrija fir-rimedji u għal inkonsistenza mal-għan ta' rimedji immedjati previst fid-Direttiva 2009/73 [13]. Id-Direttiva 2009/73 tiġi miċħuda mill-effett utli tagħha u, f'dan ir-rigward, Direct énergie titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tapplika b'analoġija l-ġurisprudenza żviluppata fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-klawżoli kuntrattwali inġusti, u tal-leġiżlazzjoni fil-qasam ta' ugwaljanza fit-trattament [14].

23. Direct énergie targumenta wkoll li, skont id-Direttiva 2009/73, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom setgħat wiesgħa, elenkati iktar speċifikament fl-Artikolu 41(4)(d).

24. Direct énergie tfakkar li l-prinċipju ta' ċertezza legali jista' jiġi invokat biss meta att amministrattiv ikun manifestament kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni, anki jekk dan l-att ikun sar definittiv [15]. Hija żżid li n-nuqqas ta' għoti ta' effett retroattiv lid-deċiżjonijiet tal-Cordis jivvalida prattiki li huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni, u Direct énergie tiċħad l-argumenti ta' GRDF fir-rigward tad-distabbilizzazzjoni tas-suq [16]. Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li jitwarrbu l-prinċipju kuntrattwali inkonsistenti, hekk kif jeħtieġ ukoll ir-rekwiżit li jiġu adottati rimedji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

25. Fl-aħħar nett, Direct énergie targumenta li r-riferiment tal-qorti tar-rinviju għas-sentenza Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening [17] huwa barra minn loku.

26. Il-Gvern Franċiż jenfasizza li l-kawża prinċipali tirrigwarda biss l-hekk imsejħa "kuntratti individwali" li fihom il-konsumaturi domestiċi jkunu kkonkludew kuntratt wieħed kemm għall-provvista kif ukoll għad-distribuzzjoni tal-gass. Fornituri bħal Direct énergie u Eni Gas & Power France ikkonkludew kuntratti għal trażmissjoni ma' GRDF, bl-għan li sussegwentement jikkonkludu kuntratti individwali mal-konsumaturi. Is-somom irċevuti abbażi ta' dawn il-kuntratti għal distribuzzjoni għandhom jiġu ttrasferiti lil GRDF. Għalhekk, dawn il-kuntratti kienu jirriżultaw f'li l-ispiża tal-kontijiet mhux imħallsa mill-konsumatur tiġi sostnuta mill-fornituri bħall-Direct énergie u Eni Gas & Power France u mhux mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni GRDF. Dan huwa l-kuntest tat-tilwima.

27. Il-Gvern Franċiż jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tirriformula d-domanda rrinvijata, filwaqt li jikkontesta b'mod partikolari l-punt dwar jekk, taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Cordis "[għandhux] ikoll[u] s-setgħa li [j]agħti deċiżjoni li tapplika għall-perjodu kollu kopert mit-tilwima li bi[h] [i]kun adi[t]". Jekk ir-risposta għal din id-domanda tkun fin-negattiv, ebda risposta utli ma tkun iggarantita għall-qorti tar-rinviju, għaliex din ma tindirizzax l-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni *jippermettix* tali portata *ratione temporis*, mingħajr ma jimponiha [18]. Għalhekk il-Gvern Franċiż jipproponi li d-domanda rrinvijata tiġi rriformulata b'tali mod li tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li tali deċiżjonijiet jirrigwardaw perijodu *ratione temporis* li jkopri l-perijodu kuntrattwali kollu kkontestat.

13 Direct énergie tirreferi għas-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 60), u tal-21 ta' Jannar 2015, Unicaja Banco u Caixabank (C-482/13, C-484/13, C-485/13 u C-487/13, EU:C:2015:21, punt 31).

14 Direct énergie tibbaża ruħha fuq is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1997, Magorrian u Cunningham (C-246/96, EU:C:1997:605, punt 41); tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et* (C-78/98, EU:C:2000:247, punti 40 u 43); tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 60); u tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 72).

15 Direct énergie tirreferi wkoll għas-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2012, Byankov (C-249/11, EU:C:2012:608, punti 80 sa 82), u tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punt 38) fir-rigward tal-aspettattivi leġittimi.

16 F'dan ir-rigward hija tibbaża ruħha fuq is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 185).

17 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2008 (C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165).

18 Il-Gvern Franċiż jirreferi għal-Liġi Nru 2017-55, li tillimita l-effett *ratione temporis* ta' deċiżjonijiet ta' organi bħall-Cordis għal sentejn. Huwa madankollu jammetti li din il-liġi ma hijiex applikabbli, *ratione temporis*, għall-kawża prinċipali. Nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq.

28. Il-Gvern Franċiż jargumenta li kemm l-effett utli tad-Direttiva 2009/73 kif ukoll il-prinċipju ta' effettività jindikaw risposta negattiva għad-domanda rriformulata b'dan il-mod. Madankollu, din hija suġġetta għall-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' proporzjonalità u ta' rispett tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

29. Skont il-Gvern Franċiż, jekk id-domanda ma tiġix irriformulata, għandha tingħata risposta fin-negattiv. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni, l-effetti *ratione temporis* jaqgħu fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri, skont il-kompetenza li huma għandhom, abbażi tal-Artikolu 288 TFUE, waqt it-traspożizzjoni tad-direttivi kif ukoll bis-saħħa tal-awtonomija proċedurali nazzjonali tagħhom, fejn din tal-aħħar hija suġġetta għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, u għal prinċipji ġenerali oħra tad-dritt tal-Unjoni. Il-Gvern Franċiż jirreferi, *inter alia*, għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT [19], u għal sentenza fil-qasam tar-rimbors ta' ammonti mħallsa indebitament [20], sabiex juri kif il-prinċipju ta' ċertezza legali jista' japplika sabiex jiġu limitati effetti *ratione temporis*. Madankollu, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu kif għandhom jiġu rrikonċiljati dawn il-prinċipji [21]. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-konformità mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [22].

30. Il-Kummissjoni tfakkar li korpi bħall-Cordis huma awtoritajiet amministrattivi indipendenti li għandhom setgħat u funzjonijiet li huma viċin ħafna għal dawk tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Meta awtoritajiet bħall-Cordis jieħdu deċiżjonijiet abbażi tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2009/73, l-effettività tad-deċiżjonijiet tagħhom għandha tkun komparabbli ma' dawk ta' qorti, u b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom *ratione temporis*. Bħala prinċipju, tali deċiżjonijiet għandhom effett *ex tunc*, iżda l-leġiżlatur jew l-imħallef jista' jidderoga minn dan, fuq il-bażi li l-ibbilanċjar bejn l-imperattivi ta' effettività u ta' supremazija tad-dritt, minn naħa, u ċ-ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi, min-naħa l-oħra, jeħtieġ limitazzjoni fir-rigward taż-żmien.

31. Għalhekk, bis-saħħa tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif ukoll tal-effettività u tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-konsegwenzi illegali kollha ta' kuntratt, li l-klawżoli tiegħu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/73, għandhom jitħassru. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja stess tillimita l-effett *ratione temporis* tas-sentenzi tagħha skont l-imperattiv ta' ċertezza legali. Madankollu, dan huwa eċċezzjonali [23] u għandu jkun strettament limitat u ġġustifikat minn raġunijiet imperattivi ta' ċertezza legali, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati [24]. Il-protezzjoni tad-drittijiet hija wkoll rilevanti [25].

32. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirreferi għal sentenza li tirrigwarda t-tariffi tal-elettriku u r-relazzjonijiet kuntrattwali stabbiliti qabel it-tilwima. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li taġġusta l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza tagħha [26]. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ma hemm l-ebda riskju fil-kawża prinċipali li jiġġustifika limitazzjoni *ratione temporis*. Għalhekk, l-awtorità regolatorja bħall-Cordis għandha jkollha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet li japplikaw għall-perijodu kollu kopert mit-tilwima, irrispettivament mid-data ta' meta t-tilwima tkun inqalgħet bejn il-partijiet. Dan huwa konformi mal-ispirtu u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/73. Jekk l-effett ta' deċiżjonijiet adottati minn awtoritajiet regolatorji bħall-Cordis kien limitat *ratione temporis*, l-effiċjenza tagħhom sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq u l-iżvilupp ta' suq kompetittiv tal-gass titnaqqas ħafna.

19 Sentenza tat-12 ta' April 2018, Biosafe - Indústria de Reciclagens (C-8/17, EU:C:2018:249, punt 36).

20 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening *et* (C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165, punt 52).

21 Fil-fatt il-leġiżlatur Franċiż fittex li jistabbilixxi ekwilibriju waqt l-adozzjoni tal-Liġi Nru 2017-55.

22 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż jibbaża ruħu fuq il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawżi magħquda Finanzamt Neuss u Butin (C-374/16 u C-375/16, EU:C:2017:515, punt 71).

23 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et* (C-292/04, EU:C:2007:132, punti 35 sa 37).

24 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2001, Silos (C-228/99, EU:C:2001:599, punti 35 sa 38).

25 Sentenza tas-26 ta' April 1994, Roquette Frères (C-228/92, EU:C:1994:168).

26 Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff (C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 54 *et seq.*).

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

1. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

33. Ninnota mill-bidu nett li d-digriet tar-rinviju ma jispjegax b'mod iddettaljat għaliex ċertu dispożizzjonijiet preċiżi tad-Direttiva 2009/73 huma rilevanti għar-riżoluzzjoni tat-tilwima sostantiva bejn il-partijiet, barra d-dispożizzjoni ta' rimedju. Fil-qosor, hija tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-fornitur ta' gass naturali għandux ibati l-piż tal-kontijiet mhux imħallsa tal-klijent finali fir-rigward tal-hekk imsejħa kuntratti individwali għad-distribuzzjoni u l-provvista tal-gass, u x'għandu jseħħ hekk kif jiġi stabbilit li dan il-piż għandu jiġi sostnut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u mhux mill-fornitur. B'mod iktar wiesa', it-tilwima tirrigwarda s-servizzi ta' ġestjoni tal-klijenti u r-remunerazzjoni li għandha titħallas lill-fornituri għat-twettiq ta' dawn is-servizzi f'isem l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

34. Dan huwa problematiku peress li l-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 jistabbilixxi li kull "parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, ħżin, LNG jew distribuzzjoni fir-rigward tal-obbligi tal-operatur *taħt din id-Direttiva* imsemmija tista' tirriferi l-ilment lill-awtoritajiet regolatorji" (enfasi tiegħi). Dispożizzjoni ta' rimedju tkun tista' tiġi interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja ladarba jiġi stabbilit li hija rilevanti għal allegat ksur sostantiv tad-direttiva kkonċernata[27] peress li l-Unjoni Ewropea ma għandha ebda kompetenza ġenerali fir-rigward tar-rimedji li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' kompetenza sostantiva tagħha. B'mod iktar ġenerali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tispjega l-konnessjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija tirreferi għalihom u t-tilwima inkwistjoni u s-suġġett tagħha[28].

35. Is-sottomissjonijiet orali ppreżentati dwar dan il-punt jistgħu jiġu miġbura fil-qosor bil-mod sussegwenti.

36. GRDF argumentat li s-servizz inkwistjoni fit-tilwima huwa s-servizz ta' ġestjoni tal-klijenti għall-klijent finali li huwa pprovdut mill-fornitur f'isem l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u dan is-servizz speċifiku ma huwiex previst fid-Direttiva 2009/73. Dan huwa pjuttost irregolat mid-dritt Franċiż, b'mod li l-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2009/73.

37. Eni Gas & Power France enfasizzat li d-Direttiva 2009/73 tipprevedi regoli komuni li jirrigwardaw id-distribuzzjoni u l-provvista ta' gass lil klijenti finali. Hija rreferiet għall-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/73, li jiddefinixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni u indikat li l-punti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwardaw il-ġbir tat-tariffa għal aċċess għan-netwerk ta' distribuzzjoni u l-ġestjoni tas-servizzi tal-klijenti mill-fornitur f'isem l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Il-ħlas dovut għal dan is-servizz jinsab fil-qalba ta' din it-tilwima. Eni Gas & Power France għaldaqstant sostniet li t-tilwima taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73, għaliex, dak li huwa kkonċernat, huwa l-aċċess għan-netwerk u r-rabta bejn distribuzzjoni u provvista.

27 B'mod partikolari s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Asociación de Consumidores Independientes de Castilla y León (C-413/12, EU:C:2013:800), li kienet tirrigwarda r-rimedji disponibbli f'tilwima orizzontali u li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat fil-punt 25 kif ġej; "li l-azzjoni legali […] tressqet minn assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi bil-għan li jipprojbixxu l-klawżoli kuntrattwali inġusti użati minn bejjiegħ". Fil-punt 26 il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi". Ara t-teħid ta' pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2110, punti 72 sa 74). Fil-punt 70, l-Avukat Ġenerali jeżamina l-punt dwar jekk is-sitwazzjoni ġuridika inkwistjoni, li kienet tirrigwarda r-rimedji disponibbli sabiex jiġi infurzat id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi b'mod orizzontali bejn żewġ partijiet privati kinitx irregolata mid-dritt tal-Unjoni.

28 Sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Airport Shuttle Express *et* (C-162/12 u C-163/12, EU:C:2014:74, punt 39). Ara, iktar riċentement, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 20).

38. Direct énergie argumentat li l-obbligu tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni taħt id-Direttiva 2009/73 huwa li jiżgura l-aċċess għan-netwerk taħt l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73, u li dan l-aċċess ma għandux ikun diskriminatorju, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 35. Direct énergie sostniet li, jekk operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jieħu l-pożizzjoni li jirrifjuta l-aċċess lil fornitur sakemm huwa ma jwettaqx servizzi għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, dan ikun jikkostitwixxi rifjut ta' aċċess taħt id-Direttiva 2009/73. Sar riferiment ukoll għall-obbligi tal-awtorità regolatorja taħt l-Artikolu 40, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma tal-kompetizzjoni.

39. Is-sottomissjonijiet orali ta' Franza kkjarifikaw diversi punti. L-aġent Franċiż sostna li s-servizzi ta' ġestjoni tal-klijenti mwettqa fi Franza mill-fornituri f'isem operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni bħal GRDF jikkostitwixxu mod ta' aċċess għan-netwerk li ġie stabbilit mil-leġiżlatur Franċiż b'implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73 dwar l-aċċess minn terzi għas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, flimkien mas-sistema ta' kuntratti individwali li dan jinvolvi, b'osservanza tal-għażla libera tal-klijenti fir-rigward tal-fornituri msemmija fil-premessa 3 tad-Direttiva 2009/73.

40. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-fatt li l-kawża prinċipali kienet bejn żewġ fornituri tal-gass u kienet tirrigwarda servizzi ta' distribuzzjoni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li GRDF stess hija operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, b'mod li d-Direttiva kienet applikabbli.

41. Wasalt għall-konklużjoni li l-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73, peress li s-sottomissjonijiet orali miġbura fil-qosor iktar 'il fuq jistabbilixxu r-rabta meħtieġa relatata mas-suġġett bejn it-tilwima sostantiva li tirriżulta bejn il-partijiet, u d-Direttiva 2009/73 [29]. Meta għamilt hekk, ħadt inkunsiderazzjoni l-għanijiet tad-Direttiva 2009/73 (ara l-punt 3 iktar 'il fuq), il-kamp ta' applikazzjoni tagħha [30], kif iddefinit fl-Artikolu 1, u l-fatt li d-digriet tar-rinviju jindika f'diversi drabi li t-tifsira tat-terminu "distribuzzjoni" fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2009/73 hija rilevanti għall-finijiet tal-kawża prinċipali, minkejja li ma ġiet irrinvijata l-ebda domanda dwar din il-kwistjoni. It-tilwima essenzjalment tirrigwarda t-tariffi applikabbli għas-servizzi mwettqa minn fornitur bħala aġent f'isem operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Għaldaqstant din tirrigwarda l-iffissar ta' tariffi u l-aċċess għan-netwerk, li t-tnejn li huma jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materie* tad-Direttiva 2009/73, u r-rabta bejn din il-provvista ta' servizzi u l-Artikolu 41(11).

2. Assenza ta' riformulazzjoni tad-domanda rrinvijata

42. Fl-istess ħin, ma naqbilx mal-argumenti mressqa minn Franza fis-sens li d-domanda rrinvijata teħtieġ riformulazzjoni. Il-fatt li ntużaw it-terminu imperattiv "għandha", jew il-formolazzjoni li tinsab fil-verżjoni oriġinali tad-digriet tar-rinviju "ils commandent qu'une autorité de régulation [...] ait le pouvoir" fir-rigward tas-setgħat ta' awtorità regolatorja fuq l-effett *ratione temporis* tad-deċiżjoni tagħha ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi risposta iktar sfumata.

3. Il-kawża prinċipali ma tirrigwardax ir-retroattività u l-inammissibbiltà parzjali tad-domanda.

43. Fl-aħħar nett, kuntrarjament għall-argumenti mressqa minn GRDF, ma naqbilx ma' GRDF li l-kawża prinċipali tirrigwarda każ li fih il-Cordis hija involuta f'applikazzjoni retroattiva tad-dritt tal-Unjoni.

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tirregola attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva u għaldaqstant tagħti lok għall-ġurisdizzjoni tagħha. Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:788, punt 38).

30 Eż. is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen (C-341/08, EU:C:2010:4, punt 32).

44. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, lil regola tad-dritt tal-Unjoni tikkjarifika u tiddefinixxi, fejn neċessarju, it-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mid-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan isegwi li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qrati għal relazzjonijiet ġuridiċi mnissla u kkostitwiti qabel s-sentenza li tiddeċiedi dwar it-talba għal interpretazzjoni, sakemm, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet li jippermettu li titressaq quddiem il-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni azzjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni ta' din ir-regola jkunu ssodisfatti [31].

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2009/73 tapplika *ratione temporis* mit-3 ta' Marzu 2011, jiġifieri t-tmiem tal-perijodu mogħti għat-traspożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2009/73 [32]. Għalhekk, kwalunkwe interpretazzjoni tal-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika minn din id-data (it-3 ta' Marzu 2011). Is-setgħat ta' rimedju tal-Cordis, bħala l-awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim responsabbli taħt l-Artikolu 41(11), għandhom neċessarjament imorru lura għal din id-data, bla ħsara għall-awtonomija proċedurali nazzjonali, li min-naħa tagħha hija suġġetta għall-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza kif ukoll għat-test tal-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73, li jeħtieġ li deċiżjoni tingħata, l-iktar tard, fi żmien erba' xhur minn meta jiġi rċevut l-ilment.

46. Madankollu, l-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 jista' jiġi invokat insostenn ta' setgħa miżmuma mill-Cordis li jadotta rimedji li jieħdu effett fir-rigward ta' perijodu preċedenti għat-3 ta' Marzu 2011? Dan il-punt huwa importanti, peress li l-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġew konklużi fil-21 ta' Ġunju 2005 u fil-21 ta' Novembru 2008.

47. Din il-kwistjoni għandha tiġi ddeterminata permezz tal-interprezzjoni tat-termini rilevanti tad-Direttiva preċedenti, jiġifieri d-Direttiva 2003/55/KE, kif ukoll b'teħid inkunsiderazzjoni tal-punt dwar jekk il-Cordis jassumix ir-rwol ta' awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim skont id-dritt Franċiż għall-finijiet tad-Direttiva 2003/55, li hija kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru. Madankollu, id-Direttiva 2009/73, li fir-rigward tagħha l-qorti tar-rinviju talbet interpretazzjoni, ma tistax tiġi invokata insostenn tal-kwistjoni ta' rimedji adottati mill-Cordis li għandu jkollhom effett qabel it-3 ta' Marzu 2011.

48. La d-digriet tar-rinviju u lanqas l-osservazzjonijiet bil-miktub ma jipprovdu informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-Cordis u d-Direttiva 2003/55. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'sentenza li l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73 jirriproduċi essenzjalment il-kontenut tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/55 [33], iżda d-Direttiva 2003/55 hija differenti mid-Direttiva 2009/73 fir-rigward ta' aspetti materjali rilevanti.

49. L-ewwel nett, fid-Direttiva 2003/55 ma hemmx premessa li hija simili għall-premessa 33 u għar-rekwiżit tagħha li jiġu adottati rimedji effettivi, proporzjonati u dissważivi (ara iktar 'il quddiem il-punti 54 sa 57). It-tieni nett, id-Direttiva 2003/55 ma tipprevedi ebda dispożizzjoni simili għall-Artikolu 41(17) tad-Direttiva 2009/73. L-Artikolu 41(17) jipprovdi li "[l]-Istati Membri

31 B'mod partikolari s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1998, IN. CO. GE.'90 *et* (C-10/97 sa C-22/97, EU:C:1998:498, punt 23).

32 Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/73, li ma huwiex rilevanti għall-kawża prinċipali. Ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, E.ON Földgáz Trade (C-510/13, EU:C:2015:189, punt 33). Bejn it-3 ta' Settembru 2009, id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/73, u t-3 ta' Marzu 2011, id-data tat-tmiem tal-perijodu mogħti għat-traspożizzjoni tagħha, l-Istati Membru kellhom l-obbligu jastjenu milli jieħdu miżuri pożittivi li jistgħu jikkompromettu serjament l-ilħiq tar-riżultat preskritt minn din id-direttiva. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża E.ON Földgáz Trade (C-510/13, EU:C:2014:2325, punti 22 u 23). L-Avukat Ġenerali jirreferi għas-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, EU:C:1997:628, punt 45); tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 78), u tal-11 ta' Settembru 2012, Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (C-43/10, EU:C:2012:560, punt 57). Qabel it-3 ta' Marzu 2011, id-Direttiva applikabbli kienet id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230). Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża E.ON Földgáz Trade (C-510/13, EU:C:2014:2325, punti 26 u 27).

33 Ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, E.ON Földgáz Trade (C-510/13, EU:C:2015:189, punt 4).

għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi adegwati fuq livell nazzjonali li bihom parti affettwata minn deċiżjoni ta' awtorità regolatorja jkollha d-dritt għall-appell lil entità indipendenti mill-partijiet involuti u ta' kwalunkwe gvern". It-tielet nett, ix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2009/73 jindika li wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva l-ġdida jkun li jissaħħu s-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji, inkluż iż-żieda ta' setgħa li jiġu imposti sanzjonijiet disswaživi, li għaldaqstant jimplika li dawn is-sanzjonjiet ikunu differenti minn dawk meħtieġa mid-Direttiva 2003/55.[34]Għalhekk, id-domanda rrinvijata hija inammissibbli sa fejn din tirreferi għal perijodi preċedenti għat-3 ta' Marzu 2011[35].

50. Ser nirrispondi issa għad-domanda rrinvijata abbażi ta' din il-premessa, u ser nirreferi biss għad-Direttiva 2009/73; l-unika miżura li dwarha ġiet irrinvijata domanda.

B. Ir-risposta għad-domanda rrinvijata

51. Ikkonkludejt li, fid-determinazzjoni tar-risposta għad-domanda rrinvijata, il-Kummissjoni kienet korretta fl-approċċ tagħha li tevalwa r-responsabbiltajiet tal-Cordis bħala awtorità indipendenti li għandha obbligi ta' nfurzar skont id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, prinċipju stabbilit tad-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi li s-"supremazija tad-dritt tal-Unjoni [t]imponi mhux biss fuq il-qrati, iżda wkoll fuq l-istanzi kollha tal-Istat Membru sabiex jagħtu effett sħiħ lir-regoli tal-Unjoni."[36] Il-portata ta' dan l-obbligu ġiet iddefinita reċentement minn Avukat Ġenerali bħala li testendi għas-segwenti:

"Hija [...] ġurisprudenza stabbilita li l-obbligu ta' applikazzjoni immedjata tad-dritt tal-Unjoni japplika b'mod ugwali għall-qrati nazzjonali u għall-awtoritajiet amministrattivi. It-tnejn li huma, filwaqt li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni jew il-kompetenza rispettiva tagħhom, għandhom l-obbligu li jiżguraw l-effett sħiħ ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma jitolbu jew jistennew it-tħassir minn qabel ta' kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali kunfliġġenti permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra. Finalment, l-iżgurar ta' effett sħiħ ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jinkludi l-applikazzjoni tal-prinċipji kollha li jiggwidaw l-applikazzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni, bħas-supremazija, l-effett dirett jew l-interpretazzjoni konformi."[37]

52. Fil-ġurisprudenza mogħtija sa issa, l-organi tal-Istati Membri ntalbu, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħat rispettivi ta' infurzar tagħhom, *ma japplikawx* leġiżlazzjoni nazzjonali kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-obbligu tagħhom li jagħtu effett sħiħ lid-dritt tal-Unjoni[38]. Minn dan jirriżulta li l-korpi tal-Istati Membri li għandhom obbligi speċifiċi ta' rimedji bħall-Cordis huma marbuta josservaw l-obbligu stabbilit sew ta' infurzar *in bona fide* tad-dritt tal-Unjoni, fil-preżent rifless fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 19(1) TUE, għall-inqas fir-rigward ta' dispożizzjonijiet

34 COM (2007) 529 finali, 19 ta' Settembru 2007, punt 2.1.

35 Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, domanda tkun inammissibbli jekk din ma tipprovdix informazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, hekk kif meħtieġ mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza reċenti tat-28 ta' Marzu 2019, Verlezza *et* (C-487/17 sa C-489/17, EU:C:2019:270, punt 30). Fir-rigward tal-inammissibbiltà parzjali, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Crono Service *et* (C-419/12 u C-420/12, EU:C:2014:81, punti 31 sa 33).

36 Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 39).

37 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Link Logistik N&N (C-384/17, EU:C:2018:494, punt 106). L-Avukat Ġenerali jirreferi għas-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punt 24); tat-22 ta' Ġunju 1989, Costanzo (C-103/88, EU:C:1989:256, punt 31); tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen (C-341/08, EU:C:2010:4, punt 80); tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci (C-555/07, EU:C:2010:21, punt 55); tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 34); tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C-413/15, EU:C:2017:745, punt 34); u sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, The Trustees of the BT Pension Scheme (C-628/15, EU:C:2017:687, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża The Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:698, punt 71): "Kif naraha jiena, korp amministrattiv jew qorti tista' tkun obbligata li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, sabiex jingħata effett sħiħ lid-dritt tal-Unjoni, biss jekk qabel kollox ikun ġie stabbilit li dan il-korp għandu kompetenza sostantiva sabiex jeżamina l-kawża (jew tabilħaqq, fir-rigward tal-awtoritajiet fis-sens wiesa', li jieħdu deċiżjoni dwar kwistjoni partikolari)".

38 Enfasi tiegħi. Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

bħall-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73[39] u l-obbligi ta' rimedju li dan jinkludi (ara iktar 'il quddiem il-punt 57 sa 60). Tassew, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement eżaminat tilwima li tirrigwarda l-portata tad-dispożizzjoni ta' rimedju tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[40], u r-restrizzjonijiet fuq is-setgħat skont id-dritt ta' Stat Membru ta' kummissjoni stabbilita sabiex tinforza t-trattament ugwali[41].

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kawża Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána li, meta kummissjoni kienet ġiet stabbilita bħala alternattiva għall-qrati sabiex tiżgura l-infurzar tat-trattament ugwali previst mid-Direttiva 2000/78, "ikun kontradittorju li l-individwi jkunu jistgħu jinvokaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'qasam partikolari quddiem korp li lilu d-dritt nazzjonali jkun attribwixxa l-kompetenza fit-tilwim f'dan il-qasam u li l-imsemmi korp ma jkollux madankollu l-obbligu li japplika dawn id-dispożizzjonijiet billi jwarrab dawk tad-dritt nazzjonali li ma jkunux konformi."[42]

54. Ma huwiex ikkontestat li l-Cordis huwa l-awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwim stabbilita mill-Gvern Franċiż sabiex twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73. Lanqas ma huwa kkontestat li jeżisti mod ta' azzjoni alternattiv disponibbli, kif kien il-każ fil-kawża Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána jiġifieri, rikors għall-qrati ordinarji (ara l-Artikolu 41(15) tad-Direttiva 2009/73). Għalhekk, hekk kif il-kummissjoni f'dik il-kawża ma kellhiex ikollha s-setgħat tagħha limitati fil-konfront tal-qrati ordinarji, jiena nqis, f'konformità mal-argumenti mressqa minn Direct énergie u Eni, Gas & Power France, li jekk ir-rimedji li l-Cordis kellu l-jedd li jadotta kellhom portata *ratione temporis* iktar imnaqqsa minn dawk adottati mill-qrati Franċiżi, dan jiskoraġġixxi lill-litiganti milli jirrikorru għall-proċeduri tal-Cordis, u jxekkel l-għan imfittex mid-Direttiva 2009/73 fir-rigward tad-disponibbiltà ta' rimedji immedjati[43].

55. Għalhekk, ir-rimedji li l-Cordis huwa obbligat japplika għandhom ikopru il-perijodu kollu li jmur lura għat-3 ta' Marzu 2011. Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar liema sanzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu disponibbli taqa' taħt l-awtonomija proċedurali nazzjonali, bla ħsara għall-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, u għad-dispożizzjonijiet ta' rimedju tad-Direttiva 2009/73 innifisha.

56. Barra minn hekk, minkejja li l-premessa 33 u l-Artikolu 41(4)(d) tad-Direttiva 2009/73 jirreferu biss għar-regolaturi tal-enerġija u għall-qrati bħala li għandhom is-setgħa jadottaw rimedji "effettivi, proporzjonati u dissważivi", il-kliem tal-Artikolu 41(11) jinkludi l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwin taħt il-kunċett ta' awtoritajiet regolatorji. Huma l-Cordis u l-qrati Franċiżi li għandhom japplikaw id-dritt Franċiż f'dan ir-rigward, b'teħid debitament inkunsiderazzjoni tal-kliem u tal-għanijiet tad-Direttiva 2009/73, u ta' dak li rimedji effettivi, proporzjonati u dissważivi jinvolvu, għall-perijodu li jmur lura għat-3 ta' Marzu 2011, peress li d-Direttiva 2009/73 ma tipprovdi l-ebda kriterji

39 Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti ddeċidiet "li huma l-Istati Membri, b'mod partikolari skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li għandhom jiżguraw, fit-territorju rispettiv tagħhom, l-applikazzjoni u r-rispett tad-dritt tal-Unjoni u li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jimponi fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji meħtieġa sabiex tiġi żgurata protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni". Ara l-punt 47 tas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, The Trustees of the BT Pension Scheme (C-628/15, EU:C:2017:687).

40 Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

41 Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979).

42 *Ibid*, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata.

43 Ninnota li fis-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979), il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx li l-obbligi indikati f'din is-sentenza kienu limitati għal korpi awtorizzati jagħmlu rinviji taħt l-Artikolu 276 TFUE, u, meta imponiet dawn l-obbligi, hija semmiet deċiżjonijiet li jinvolvu korpi ta' natura purament amministrattiva (ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989, Costanzo, 103/88, EU:C:1989:256). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet fil-punt 47 li "[b]arra minn hekk, sakemm il-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Professjonali għandha titqies li hija 'qorti', fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE [...], hija tista' tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont dan l-artikolu, domanda dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, u, peress li hija marbuta bis-sentenza mogħtija bħala deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija għandha tagħti applikazzjoni immedjata għall-imsemmija sentenza, billi, jekk ikun hemm bżonn, tħalli mhux applikati, taħt l-awtorità tagħha stess, id-dispożizzjonijiet kuntrarji tal-leġiżlazzjoni nazzjonali". (Enfasi miżjuda).

għall-evalwazzjoni ta' dan[44]. Dan ifisser, per eżempju, li l-emenda ta' kuntratti permezz ta' *addenda* li jmorru lura għall-2005 u għall-2008 tista' titqies minn qorti Franċiża jew mill-Cordis bħala sproporzjonata[45], fid-dawl tal-firxa tal-għanijiet tad-Direttiva 2009/73 (ara l-punt 3 iktar 'il fuq), li jvarjaw mill-iżgurar ta' għażla ġusta għall-konsumaturi għal aċċess ugwali għan-netwerk, għall-għan ta' difiża tal-integrità tas-sistema u r-riflessjoni tal-ispejjeż effettivament sostnuti (ara l-punt 7 iktar 'il fuq fir-rigward tar-Regolament Nru 715/2009), u tal-konsegwenzi allegati minn GRDF li jirriżultaw għall-istabbiltà tas-settur tal-gass (ara l-punt 20 iktar 'il fuq).

57. Madankollu, din ma hijiex id-domanda rrinvijata lill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-domanda tirrigwarda l-portata *ratione temporis* tar-rimedji effettivi, proporzjonati u disważivi li l-Cordis huwa obbligat jadotta skont id-Direttiva 2009/73 fuq perijodu speċifiku ta' żmien.

58. L-analiżi magħmula iktar 'il fuq hija għalhekk suffiċjenti sabiex tingħata risposta għad-domanda rrinvijata, peress li din hija limitata għas-"setgħat" li għandhom jingħataw lill-Cordis abbażi tad-Direttiva 2009/73. Għall-finijiet ta' kompletezza nżid is-segwenti.

59. Tressqu ħafna elementi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi li inkontestabbilment jorbtu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta huma jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni[46]. Dawn il-prinċipji jistgħu jkunu rilevanti għall-kawża prinċipali biss inkwantu indikat sussegwentement.

60. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, dan jiġġustifika l-applikazzjoni ta' limitazzjonijiet *ratione temporis* raġonevoli fuq il-livell nazzjonali għat-tressiq ta' kawża, li, effettivament, "jipprevalu" fuq ir-rekwiżit ta' effett utli tad-direttivi għal perijodi preċedenti għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda l-interpretazzjoni tagħhom, sakemm dawn il-limitazzjonijiet *ratione temporis* jkunu, min-naħa tagħhom, konformi mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività u ma jaqgħux taħt numru ta' eċċezzjonijiet limitati[47]. Madankollu, ladarba l-limitazzjonijiet *ratione temporis* nazzjonali għat-tressiq ta' kawża jiġu osservati, hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja, u mhux il-qrati Franċiżi jew il-Cordis, li tista' taġġusta l-effett *ratione temporis* tad-Direttiva 2009/73 sabiex jiġu esklużi perijodi li jiddekorru mit-3 ta' Marzu 2011 sal-preżent[48].

61. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni li, fir-rigward ta' sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq impriżi minn awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, mill-prinċipju ta' ċertezza legali jirriżulta li l-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali li ma japplikawx liġi antikompetittiva ta' Stat Membru "ma jistax jesponi lill-impriża kkonċernata għal sanzjonijiet, la kriminali u lanqas amministrattivi, fir-rigward ta' imġieba tal-passat meta din l-imġieba kienet *meħtieġa* mil-liġi kkonċernata" (enfasi tiegħi)[49]. Jekk tali ċirkustanzi kellhom iqumu quddiem il-qrati Franċiżi jew il-Cordis, l-istess regola jkollha tiġi applikata favur GRDF.

44 Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, EU:C:2009:806, punt 71).

45 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, per eżempju, li fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' sanzjoni jew ta' rimedju impost, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Van Gennip *et* (C-137/17, EU:C:2018:771, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 B'mod partikolari s-sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Unareti (C-702/17, EU:C:2019:233, punt 34).

47 B'mod partikolari s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2011, Iaia *et* (C-452/09, EU:C:2011:323, punti 17 u 18).

48 B'mod partikolari s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2014, Schulz u Egbringhoff (C-359/11 u C-400/11, EU:C:2014:2317, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, CIF (C-198/01, EU:C:2003:430, punt 53).

62. Fir-rigward tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, ma nistax nara r-rilevanza ta' din ir-regola fir-rigward tar-rimedji li l-Cordis huwa awtorizzata jadotta taħt id-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, peress li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li qorti nazzjonali li tkun qegħda tiddeċiedi tilwima bejn individwi privati ma tistax tibbaża ruħha fuq il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sabiex tapplika regola tad-dritt nazzjonali li hija kuntrarja għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-direttivi[50]. F'dan il-każ, l-obbligu tal-Cordis li jipprovdi rimedji effettivi, proporzjonati u dissważivi huwa previst f'direttiva.

63. Fl-aħħar nett, naqbel mal-osservazzjonijiet magħmula minn Direct énergie fis-sens li s-sentenza fil-kawża Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening *et*[51] hija ta' utilità limitata għar-riżoluzzjoni tat-tilwima li tirriżulta fil-kawża prinċipali. Din il-kawża tirrigwarda l-irtirar u l-irkupru ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni, u r-rwol limitat li l-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali jista' jkollhom meta dawn jikkompetu mal-imperattiv tal-effettività tar-regolamenti tal-Unjoni applikabbli f'dan il-kuntest diskret.

V. Konklużjoni

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għad-domanda rrinvijata mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) tkun kif ġej:

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(11) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jeħtieġu li awtorità regolatorja, li tirriżolvi tilwima, ikollha s-setgħa li tagħti deċiżjoni li tapplika għall-perijodu kollu kopert mid-Direttiva 2009/73, jiġifieri mit-3 ta' Marzu 2011, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratti inkwistjoni.

50 Sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punt 38). Ara, similarment, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, Polkomtel (C-231/15, EU:C:2016:769, punt 25).

51 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2008 (C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165). Ħafna mill-awtoritajiet invokati minn GRDF jirreferu għaċ-ċirkustanzi li fihom miżuri tal-Unjoni jistgħu japplikaw għal fatti li seħħew qabel id-data ta' dħul fis-seħħ tagħhom. Ara b'mod partikolari n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 iktar 'il fuq. Dan ix-xenarju fattwali ma jirriżultax fil-kawża prinċipali fil-kuntest tal-approċċ li qiegħed hawnhekk nipproponi.